

## DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-3 ta' April 2014

### dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2012

(2014/568/UE)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definitivi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2012,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Audituri dwar il-kontijiet annwali definitivi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mat-tweġibet tal-Kulleġġ (<sup>(1)</sup>),
- wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2014 (05849/2014 — C7-0054/2014),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (<sup>(2)</sup>), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (<sup>(3)</sup>), u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI tal-20 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) (<sup>(4)</sup>), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (<sup>(5)</sup>),
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (<sup>(6)</sup>), u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011)4680 tat-30 ta' ġunju 2011 li tagħti approvazzjoni għal-deroga mitluba mill-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija tat-12 ta' Lulju 2010 dwar ir-Rimborż ta' Infiq Privat (10/0257/KA),
- wara li kkunsidra l-awditu estern ikkummissjonat mill-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Nru ta' Referenza tal-Kuntratt CEPOL/2010/001) dwar ir-rimborż tal-infiq privat,
- wara li kkunsidra r-rapport finali tal-evalwazzjoni esterna ta' ħames snin tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Nru ta' Referenza tal-Kuntratt CEPOL/CT/2010/002),
- wara li kkunsidra r-Rapport ta' Attività Annwali 2009 tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà,
- wara li kkunsidra r-raba' rapport ta' progress tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija dwar l-implementazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Pluriennali (MAP) tiegħu għall-2010-2014,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Audituri dwar l-implementazzjoni tal-MAP tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għall-2010-2014,

<sup>(1)</sup> ĠU C 365, 13.12.2013, p. 29.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(6)</sup> ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

- wara li kkunsidra n-nota tas-Servizz tal-Auditjar Intern (IAS) tal-4 ta' Lulju 2011 (Ref. Ares (2011) 722 479) dwar it-tielet rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-MAP għall-2010-2014 tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija,
  - wara li kkunsidra r-rapport u l-annessi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija dwar l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar "Kwittanza 2009: il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija",
  - wara li kkunsidra r-rapport u l-anness tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija dwar l-applikazzjoni tal-Manwal tal-Akkwist tiegħu għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2010 u l-1 ta' Lulju 2011,
  - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0240/2014),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2012;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Audituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*

Martin SCHULZ

*Is-Segretarju ġeneral*

Klaus WELLE